MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 26

12 ta' Awwissu 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 26 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 12 ta' Awwissu 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier P. Cutajar li kien imsiefer.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.3. tas-seduta 25 **(Ref: P/5/8/P; B/5/Vol III; X/1/5)** u talab li din tiġi emendata kif ġej:

*"2.2.3.. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għall-stqarrija li ġiet ippubblikata mill-Birdlife Malta, Nature Trust u s-Soċjetà Din l-Art Ħelwa fit-22 ta' Lulju 2009, fejn faħħru l-inizjattiva tal-Kunsill li wasslet sabiex jitneħħew il-caravans li nġiebu qrib iż-żona tal-Foresta 2000, taħt it-Torri l-Aħmar.".*

1.2. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni wkoll għall-minuta 4.9.6. tas-seduta preċedenti **(Ref: T/1/12/Vol II)** u talab li din tinqara hekk:

*"4.9.6. Is-Sindku wieġeb li għalkemm, il-gabbana hija proprjetà tal-Gvern, din tappartjeni lis-sidien tal-bar li hemm f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawl II. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li fejn ġej l-Uffiċċju Informazzjoni kienet banka tal-Lottu fejn diġa l-arloġġ tad-dawl u anke sar xogħol ta' manutenzjoni fuqha. Huwa fakkar ukoll li l-kamra li ser tintuża bħala uffiċċju informazzjoni kienet ġiet mogħtija b'encroachment mit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern f'Settembru 2008 wara talba li saret bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Preżentazzjoni taċ-ċwievet kien saret mis-Segretarju Parlamentari għall-Artijiet u Erarji Pubbliċi – l-Onor. Jason Azzopardi waqt l-Iljieli Melleħin 2008."*

1.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-minuta 5.3. tas-seduta u talab li tinqara kif ġej:

*"5.3.. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għal item 16 li jinvolvi d-dwal li saru b'rabta mal-Mellieħa Motor Sports Festival li sar fl-4 ta' Lulju 2009. Huwa kkummenta li dawn it-tip ta' spejjeż qed ikunu frekwenti u għalhekk jeħtieġ li jintalbu stimi minn qabel iseħħ l-avveniment sabiex l-ispiża tkun magħrufa minn qabel. Huwa tenna wkoll li dan japplika wkoll għall-kiri ta' apparat ta' l-audio. Il-Kunsiller C. Bartolo rrefera għall-item 37 li jinvolvi servizzi ta' filming biex jinħoloq arkivju ta' l-attivijiet. Huwa qal li nfieq fuq dan it-tip ta' servizz qed ikun aktar frekwenti wkoll.".*

1.4. Il-minuti tas-seduta Nru. 25 li saret fit-28 ta' Lulju 2009 ġew approvati u ffirmati bl-emendi t'hawn fuq.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Estensjoni tal-lukanda Maritim Hotel Antonin & Spa (P/5/8/G)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u ġibed l-attenzjoni li permezz ta' ittra datata 10 ta' Mejju 2006, il-Kunsill kien oġġezzjona għaż-żieda fl-għoli tal-lukanda kif propost fl-applikazzjoni PA 2098/06 għar-raġuni li:

(a) Il-binja tal-lukanda ser tgħola tant li jkompli jżid l-impatt viżwali fuq il-Wied tal-Madonna; u

(b) Billi l-garaxx tal-lukanda mhux ser jitkabbar, dan ikun ifisser li tkompli tikber id-domanda għall-parkeġġ f'żona fejn din diġa hija kbira, filwaqt li l-istess parkeġġ huwa proporzjonat mal-binja attwali.

2.1.3. Is-Sindku staqsa dwar jekk meta nkitbet l-ittra msemmija, kienx sar kuntatt ma' l-iżviluppatur. Is-Sur R. Cutajar fakkar li fil-laqgħa li saret ma' l-iżviluppatur, dan kien spjega li minkejja illi qed jipproponi li jżid żewġ sulari oħra fuq il-Maritim Antonin Hotel & Spa, din xorta waħda mhux ser tissupera l-għoli tas-Salita Hotel li hemm fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Huwa qal ukoll li l-MEPA kkonċedietlu li jagħmel hekk, minflok li jkompli jagħlaq il-Wied tal-Madonna bil-bini.

2.1.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li mhux fl-interess ta' l-iżviluppatur li jokkupa l-wied għaliex b'hekk ikun qed inaqqas mill-faċilitajiet tal-lukanda.

2.1.5. Ġie deċiż li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA, fis-sens li l-Kunsill mhux qed joġġezzjona għall-estensjoni tal-lukanda *per sè*, filwaqt li jitlob li jittieħdu in konsiderazzjoni l-fatturi (a) u (b), imsemmija fil-minuta 2.1.2. aktar 'il fuq. Għandha tintalab ukoll konsultazzjoni ma' l-istess Kunsill qabel tittieħed deċiżjoni finali mill-Awtorità.

### 2.2.1. Allokazzjoni tad-*Defence Post* ta' Triq l-Ghollieqa (A/6/7/Vol II)

2.2.2. Is-Segretarju aċċenna li sa l-2003 kienu għaddejjin kuntatti bejn il-Kunsill u l-Għaqda Nixxiegħa Kulturali sabiex l-istess Kunsill jitlob id-devoluzzjoni tad-*Defence Post* tat-Tieni Gwerra Dinjija li hemm fi Triq l-Għollieqa. Huwa kompla jgħid li dakinhar kien hemm l-intenzjoni li dan il-post jitnaddaf u jiġi restawrat, filwaqt li kien hemm l-ħsieb wkoll li jintuża mill-istess għaqda. Din it-talba twaqqfet peress li l-għaqda msemmija ġiet xolta, iżda issa jidher li hemm interess mill-ġid biex dan il-post jittieħed mill-Kunsill b' titolu ta' devoluzzjoni. Is-Sur C. Debono talab lill-Kunsill jindika għal liema skop ser tintuża d-*Defence Post* kemm-il darba din tiġi devoluta.

2.2.3. Is-Sindku qal li d-*Defence Post* għandha primarjament tittieħed mill-Kunsill sabiex ma tintilifx wara li tkun ingħatat għal skopijiet kummerċjali.

2.2.4. Il-Kunsill kien tal-fehma d-*Defenece Post* għandha titnaddaf, filwaqt li ssir tabella fil-belvedere ta' Triq l-Għollieqa li tispjega l-funzjoni li kellha matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

### 2.3.1. Ftuħ ta' Uffiċċju Informazzjoni għat-Turisti (A/6/7/4)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.9.1. tas-seduta preċedenti għarraf li l-uffiċċju imsemmi ser jinfetaħ mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mit-Turiżmu, l-Onor. Mario Demarco fit-13 ta' Awwissu 2009 fid-9.30am, mhux kif tħabbar aktar qabel.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tibdil li kien hemm..

### 2.4.1. Introduzzjoni ta' *Bye-Laws* dwar Kampijiet u Attivitajiet fil-Beraħ (B/5/Vol III)(X/1/5)(P/5/8/P)

2.4.2. Is-Sindku għarraf li l-*bye-laws* ġew sottomessi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġew mgħoddija lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni Dr Chris Said. Minn indikazzjonijiet li huwa għandu, l-Onor Said rahom u għaddihom għall-approvazzjoni finali tal-Prim Ministru.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Aġġornament tas-sit elettroniku (I/1/3/Vol III)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-Kunsillier P. Cutajar diġa kellu żewġ laqgħat mal-voluntiera li ngħataw l-inkarigu illi jaġġornaw is-sit elettroniku bir-ritratti. Fil-fatt saret l-laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill u oħra għand l-*Internet Service Provider*.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010 (F/1/7)

2.6.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li d-dati ġew mibdula minn kif tħabbar fil-Memo 42/2009 biex iddaħħal ix-xahar ta' Settembru 2010 kollu. Huwa qal li b'hekk issa jistgħu jsiru applikazzjoni għall-finanzjament ta' "Milied Mellieħi 2009", "Iljieli Melleħin 2010" u "Milied Mellieħi 2010". Għalhekk l-attività "L-Ibliet Lejn il-Majjistral" għandha taqa'.

2.6.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 2.7.1. Festa tal-Qara' Aħmar fil-Manikata (S/6/Vol IV)

2.7.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ġie kkuntattjat mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata, li appellaw lill-Kunsill sabiex jżid l-involviment finanzjarju tal-Kunsill fl-organizzazzjoni tat-tieni edizzjoni tal-Festa tal-Qara' Aħmar li ser issir fi Triq Dun Manwel Grima fil-Manikata stess fl-1 ta' Novembru 2009. Dan peress li din ser tkun attività li tattira nies minn barra 'il Manikata u hija relattivament kbira.

Comment [.1]: Il-contact person min-naha taghna se tkun Veronica Farrugia, segretarja KRM, mob. 79393881 jew info@manikatafarmers.com

2.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tingħata għajnuna sabiex jintrama l-palm, l-i*stands* u tinġieb P.A. System.

### 2.8.1. Għoti ta' kuntratt dwar servizz ta' *Contracts Manager* (K/6/5/2)

2.8.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa flimkien mal-Perit Joseph Attard – il-*Contracts Manager* – spezzjonaw diversi postijiet fil-lokalità b'rabta mal-ġonna pubbliċi u tindif ta' toroq urbani u rurali. Waqt l-istess spezzjonijiet, il-Perit Attard intalab jissottometti rapporti dwar dawn l-ispezzjonijiet skond kif stipulat fil-kuntratt li huwa għadu kemm ingħata.

2.8.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li l-*Contracts Manager* jagħmel spezzjonijiet simili fil-preżenza tal-kuntratturi konċernati, partikularment f'dak li jirrigwarda, t-tindif u żamma ta' ġonna pubbliċi, it-tindif ta' toroq mhux urbani u dawk rurali, tindif tax-xtut, kif ukoll il-latrini pubbliċi. B'hekk jiġi stabbilit kuntatt bejn il-*Contracts Manager* u l-kuntratturi biex in-nuqqasijiet li jkun hemm jiġu trattati mingħajr il-ħtieġa li r-residenti ikollhom għalfejn jirrikorru fl-uffiċċju tal-Kunsill jew jilmentaw mal-membri ta' l-istess Kunsill. Huwa qal li l-*Contracts Manager* għandu jiddeċiedi fejn jsiru l-ispezzjonijiet, mingħajr ma l-kuntrattur ikun infurmat minn qabel.

2.8.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.9.1. Arranġamenti għall-Festa tal-Vitorja (F/2/Vol V)

2.9.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf lill-Kunsill illi fit-3 ta' Awwissu 2009 saret laqgħa għas-soċjetajiet kollha nvoluti fl-organizzazzjoni tal-Festa tal-Vitorja, inkluż il-Kappillan u l-Uffiċjali tal-Pulizija tad-Distrett. Huwa qal li ma kienx hemm tibdil mill-arranġamenti li saru fis-snin preċedenti, iżda sar emfasi sabiex ma jitqiegħdux umbrelel f'Misraħ il-Parroċċa, kif ukoll li l-bejjiegħa tal-qubbajt jżommu 'il ġewwa mil-linji li jsiru fl-art. Waqt l-istess laqgħa nġibdet l-attenzjoni li l-garaxxijiet li jinsabu fi Triq Ġorġ Borg Olivier m'għandhom jiġu ostakolati bl-imwejjed u siġġijiet li jitqiegħdu quddiem il-*bars* fil-jiem tal-festa.

2.9.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 2.10.1. Tisbiħ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol II)

2.10.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo aċċenna għall-minuta 19.1. tas-seduta preċedenti u qal li għandhom jinbdew kuntatti mal-periti M.P. & D.C. Ltd sabiex jiġi diskuss magħhom it-tibdil li meħtieġ isir fil-permess PA 2671/03. Huwa kompla jgħid li minbarra l-*pedestrianisation*

tal-Misraħ għandhom jsiru nterventi ħalli jinbidlu xi aperturi ta' l-aluminju u jintlaħaq arranġament mas-sidien u l-inkwilini biex jiġu rrestawrati l-faċċati.

2.10.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**2.11.1. Logħob għat-tfal u żgħażagħ fil-Manikata (S/4/2/Vol III)**

2.11.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti u ppreżenta il-*poster* li ser jintuża biex jirreklama il-*Manikata Fun Games Festival 2009* li ser isir fi Triq Dun Manwel Grima fil-Manikata nhar it-Tlieta 25 ta' Awwissu.

2.11.3. Il-Kunsill approva l-kontenut tal-*poster*.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 25/07/09 – 05/08/09
- *Purchase Request Form* – 05/08/09
- Skeda ta' Infieq Permezz tal-*Petty Cash* – 25/06/09 – 20/07/09
- Skeda ta' Infieq Permezz tal-*Petty Cash* – 21/07/09 – 03/08/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 10/08/09
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 10/08/09
- Programm Iljieli Melleħin 2009 – Abbozz
- Skeda ta' Dħul u Ħruġ – Iljieli Melleħin 2009 - Abbozz

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Korsijiet fil-litteriżmu bażiku (E/3/1/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għall-ittra datata 20 ta' Lulju 2009, mibgħuta mid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, fejn il-Kunsill ġie mistieden jipparteċa sabiex jingħataw korsijiet fil-Litteriżmu Bażiku (Malti, Ingliż, Sommom u Xjenza).

4.1.3. Il-Kunsill ġie mfakkar li ftit jiem qabel kien hemm proposta simili mill-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u Taħriġ (ETC) fejn il-Kunsill wera l-intenzjoni li jipparteċipa.

4.1.4. Kien hemm qbil li għandu jinkiseb tagħrif mid-Diviżjoni dwar jekk huwiex possibbli li jiġu mgħallma biss is-somom u x-xjenza.

Comment [.2]: Letter to Education Division re Maths and Science Course.

### 4.2.1. Ftuħ tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsilli nhar ta' Sibt (K/1/8)

4.2.2. Saret referenza għal Memo 46/2009 ta' l-4 ta' Awissu 2009 fejn tħabbar li l-uffiċini tal-Kunsilli Lokali jridu jinfetħu nhar ta' Sibt bejn it-8.00 u il-11.30 ta' filgħodu biss. L-għan ewlieni ta' din il-miżura hi sabiex il-Kunsilli Lokali tassew iservu ta' *front office* fejn ikunu jistgħu jsiru ħlasijiet ta' multi, ilmenti, jinħarġu permessi u ġbir ta' formoli. L-impjegati kollha tal-Kunsill mhu ser jitilfu xejn mill-benefiċċji li jgawdu, u għalhekk l-għażla tal-impjegat, trid tkun fuq bażi volontarja.

4.2.3. Il-Memo jkompli jgħid li l-Kunsill irid l-ewwel jiddeċiedi fuq in-numru ta' impjegati li jeħtieġ li jidħlu s-Sibt. Imbagħad trid issir sejħa fost l-impjegati tal-Kunsill, dejjem fuq bażi volontarja, għal min minnhom hu lest li jidħol xogħol is-Sibt. Il-ħin li jkun ser jinħadem matul is-Sibt (mhux iktar minn 4 siegħat) għandu jew jingħata bħala *overtime* jew *time-off-in-lieu* skont kif jitlob l-impjegat. Is-Segretarju Eżekuttiv jista' wkoll jagħżel li jaħdem is-Sibt u jkun intitolat biss għal *time-off-in-lieu* bħala miżura eċċezzjonali.

4.2.4. F'kas li jkun hemm aktar impjegati li jagħażlu li jaħdmu s-Sibt minn dak mitlub mill-Kunsill, dawn jaħdmu fuq sistema ta' *roster*. Il-lista tal-impjegati li huma lesti li jaħdmu is-Sibt tkun riveduta kull sena sabiex jingħata ċ-ċans lil dak li jkun li jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu.

4.2.5. Iċ-ċirkolari tkompli tgħid li jekk l-impjegati jew is-Segretarju Eżekuttiv jirrifjutaw li jaħdmu s-Sibt, m'għandha ssir l-ebda pressjoni min-naħa tal-Kunsill b'rispett sħiħ lejn il-Ftehim Kollettivi rispettivi, u l-Kunsill ikollu d-dritt li jimpjega persuna fuq bażi *part-time* u jinforma lid-Dipartiment dwar dan, u dan sabiex ma jkun hemm l-ebda diffikultà biex tingħata l-

awtorizzazzjoni mill-*ETC.* Kull deċiżjoni (sew fl-affermattiv kif ukoll fin-negattiv) tal-impjegat u/jew is-Segretarju Eżekuttiv għandha tkun bil-miktub. Wara li jsir dan il-proċess, il-Kunsill għandu jinforma lid-Dipartiment bl-arranġamenti kollha magħmula sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 25 ta' Settembru 2009.

**Comment [.3]:** Tweġiba lid-DLG dwar l-arranġamenti li ser ikunu fis-seħħ.

4.2.6. Il-Kunsill innota l-kontenut tal-memo u talab li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jiġi nfurmat bl-arranġamenti li ilhom fis-seħħ minn Awwissu 2008 fir-rigward tal-ftuħ ta' l-uffiċċju nhar ta' Sibt.

### 4.3.1. *Tournament* tal-Futbol fil-Ground Ta' Pennellu (S/6/Vol III)

4.3.2. Sar aċċenn għall-ittra datata l-1 ta' Awwissu 2009 mibgħuta mill-Mellieħa Sports Club, fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' *tournament* tal-futbol propost li jsir bejn is-17 u l-24 ta' Awwissu 2009. Kemm-il darba l-Kunsill juri l-inpenn tiegħu li jidħol fl-organizzazzjoni, il-kompetizzjoni tibda tissejjaħ, il-*Tournament* tal-Kunsill Lokali Mellieħa.

4.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li jipparteċipa u talab li jsiru l-kuntatti meħtieġa mal-kumitat tal-Mellieħa Sports Club bil-għan li jiġu identifikati metodi kif il-Kunsill jista' jagħti s-sehem tiegħu.

### 4.4.1. Sanzjonar ta' fossa komuni fix-Xatt ta' Santa Marija (P/5/8/X)

4.4.2. Saret referenza għal applikazzjoni mressqa lill-MEPA – PA 740/09 – sabiex tiġi ssanzjonata fossa komuni, filwaqt li tiġi nstallata pompa u *rising main* għad-drenaġġ tal-*boathouses* li hemm 'il ġewwa fix-Xatt ta' Santa Marija fl-inħawi tal-Griebeġ. Il-Kunsill ġie nfurmat li permezz ta' *e-mail* datat 3 ta' Awwissu 2009, l-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate wriet l-oġġezzjoni tagħha għal din it-talba.

4.4.3. Il-Kunsill oġġezzjona għat-talba għar-raġuni li meta fossa tkun komuni jkun hemm tendenza li ħadd ma jieħu responsabilta` għall-manutenzjoni u hekk meta timtela bid-drenaġġ jispiċċa l-baħar. Kien hemm dubji kemm din kienet iddisinjata bid-*double trap system*, jiġifieri b'żewġ saffi, ħalli jiġi stabbilit mill-ewwel jekk din tkun qed tagħmel.

### 4.5.1. Sistema ta' *one-way* f'Dawret it-Tunnara (T/3/2/Vol X)

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 5 ta' Awwissu 2009, mibgħuta mis-Sur Vincent Desira sabiex il-parti ta' Dawret it-Tunnara, bejn Triq it-Trill u Triq il-Marfa tinbidel f'*one-way* minħabba li hija dejqa.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba Dawret it-Tunnara tinbidel f'*one-way*, l-ammont ta' traffiku fiha jiżdied ħafna, filwaqt li s-sistema tkun trid tinvolvi t-toroq tal-madwar, inkluż Triq it-Trill. Ta' l-aħħar ma tkunx tista' tinbidel f'*one-way* peress li l-parti l-kbira tat-traffiku li jgħaddi minnha jmur fid-direzzjoni tas-Sellum.

4.5.4. Il-Kunsill qabel ukoll li l-problema ta' konġestjoni f'Dawret it-Tunnara qed tiġi kkawżata minn vetturi pparkjati n-naħa tal-baħar fil-parti d-dejqa.

**Comment [.4]:** Letter to NID.

### 4.6.1. Sanzjonar ta' alterazzjonijiet f'La Sosta Kiosk fl-Għadira (P/5/8/G)

4.6.2. Saret referenza għall-talba (PA 2884/09) mis-Sur Stephen Muscat sabiex jiġi sanzjonat il-kiosk imsemmi, kif ġie mibdul. Il-Kunsill kien mgħarraf li fil-fatt saret applikazzjoni – PA1488/04 - fejn intalbet estensjoni tal-kjosk imsemmi, liema talba kienet ġiet rifjutata. Inġibdet l-attenzjoni li fis-Seduta 45 tas-27 ta' April 2004, il-Kunsill kien oġġezzjona għat-talba u tenna l-posizzjoni tiegħu mal-MEPA li m'għandiex tiżdied aktar attività kummerċjali fuq ix-xtut.

4.6.3. Il-Kunsill qabel li għandu jsostni l-posizzjoni tiegħu dwar din it-talba.

### 4.7.1. *Parking bays* fi Triq il-Kappillan Magri (T/3/2/Vol X)

4.7.2. Saret referenza għal proposta li mressqa mis-Sinjorina Rachel Williams sabiex isiru *parking bays* fi Triq il-Kappillan Magri, bejn Triq il-Vitorja u Triq Churchill, peress li hemm minn jipparkja b'tali mod li jinħela ħafna spazju.

4.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba ssir din il-blokka biss, il-*parking bays* jridu jitkomplew matul il-kumplament tat-triq. Billi jidher li din it-talba kien mqanqal wara argument bejn il-ġirien, ġie deċiż li għandu jsir kuntatt magħhom bil-għan li l-problema tiġi eliminata.

**Comment [.5]:** Is-Sindku ser ikellem lis-sid tal-ħanut tal-grocer.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 5 ta' Awwissu 2009.

5.3. Is-Sindku rrefera għall-*item* 16 fejn jidhru li ser titħallas is-somma ta' €210 bħala taxxa fuq il-biljetti tal-catamaran li ngħataw mingħajr ħlas mill-Virtù Ferries sabiex il-Mellieħa ppartecipat fis-*Sagra del Pesce* f'Pozzallo, bejn is-6 u 8 ta' Awwissu 2009. Huwa qal li l-kokijiet u l-kantanta flimkien ser iħallsu lura lill-Kunsill total ta' €120 biex jagħmlu tajjeb għat-taxxa. Huwa fakkar li l-akkomodazzjoni kienet ipprovduta mill-organizzatturi li kienu l-Provinċja ta' Ragusa flimkien mal-Comune di Pozzallo. Is-Sindku appella sabiex tintbagħat nota ta' ringrazzjament lill-Comune di Pozzallo u lid-Direttur Manigerjali tal-Virtù Ferries.

Comment [.6]: Ittra ta' ringrazzjament lill-Comune di Pozzallo u lill-Virtù Ferries.

Comment [.7]: Henry Salib

5.4. Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għall-*item* 15 li jinvolvi servizz ta' *protocol* li jista' ikun meħtieġ waqt iċ-ċerimonja tal-ġemellaġġ ma' Agia Napa, partikularment jekk jattendi l-Ministru ta' tal-Kummerċ, l-Industrija u t-Turiżmu Ċiprijott – Antonis Paschalides.

5.5. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġew imressqi żewġ skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* li flimkien jkopru l-perjodu 25 ta' Ġunju u t-3 ta' Awwissu 2009.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn il-25 ta' Ġunju u l-5 ta' Awwissu 2009.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut ta' l-skeda u approva l-pagamenti elenkati fiha.

## 7.1. Impieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 (P/7/1/Vol VIII)

7.2. Is-Segretarju fakkar illi fis-seduta preċedenti kien ġie deċiż li l-proċedura illi tiġi segwita għandha tkun skond l-istruzzjonijiet li jingħataw mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Għalhekk intalbet kjarifika fis-sens li f'kas illi ma tinstabx persuna addatata wara li ssir sejħa minn fost l-impjegati tal-kunsill lokali kollha, ikunx possibbli li l-Kunsill imur għall-persuna li ġiet magħżula mil-lista mgħoddija mill-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u t-Taħriġ (ETC).

7.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li d-Dipartiment wieġeb permezz ta' *e-mail* datat 5 ta' Awwissu 2009, fejn ingħad li r-reklutaċċ tal-iskrivan għandu jsir wara sejħa fost il-Kunsilli Lokali kollha, filwaqt li jibqa' validu l-proċess tal-għażla l-ieħor illi kien jinvolvi kandidati mill-Ewwel Parti tar-Reġistru. Wara din it-tweġiba, saret sejħa fost l-impjegati tal-Kunsilli Lokali kollha permezz ta' l-*e-mail*, li kopja tagħha ġiet ikkuppjata lill-kunsillieri kollha. Is-sejħa li saret tagħlaq fl-14 ta' Awwissu 2009 f'nofsinhar. L-ETC ġiet infurmata b'dan il-pass.

7.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li apparti mill-proċess ta' l-għażla ta' persuna minn fost l-impjegati tal-Kunsilli Lokali, ippropona li għandu jintalab il-permess mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiġi stabbilit jekk minn għandu kuntratt ta' servizz għal diversi snin, bħalma għandha s-Sinjura Odette Zammit, tistax tiġi mpjegata mal-Kunsill. Huwa kkummenta li hija kapaċi taqdi l-funzjoni ta' *receptionist* b'mod sodisfaċenti, kif għamlet fl-aħħar seba' snin.

7.5. Is-Sindku qabel li għandha tintbagħat ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, skond kif propost fil-minuta 7.4.

7.6. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm dwar din il-materja u qabel li għandha tiġi trattata skond il-liġi u l-istruzzjonijiet li jistgħu jingħataw mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 8.1. Laqgħa għar-residenti tal-Manikata (M/1)

8.2. Is-Sindku għarraf li din il-laqgħa ntalbet mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali tal-Manikata. Fost il-materji li għandhom jiġu trattati huma kif irħula żgħar ser jintlaqtu bit-tibdit fil-liġi dwar il-Kunsill Lokali. Għaldaqstant ġie mistieden jattendi s-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni Dr Chris Said. Din il-laqgħa kienet ġiet iffissata għall-20 ta' Awwissu 2009, iżda huwa ssuġġerixxa li tiġi posposta minħabba kontroversja li għaddejja fil-Manikata u barra dwar il-kontroll tal-kaċċa fil-Park tal-Majjistral. Is-Sur R. Cutajar qal li dan huwa suġġett li m'għandux x'jaqsam mal-villaġġ tal-Manikata *per sè* u għalhekk jinsab ċert li hemm xi ndividwi li japprofittaw ruħhom minn din l-okkażjoni.

8.3. Il-Kunsill qabel li b'konsultazzjoni ma' l-Onor. Dr Said, din il-laqgħa għandha tigi posposta.

### 9.1. Tħejjijiet għal Serata Mużikali "Cantiamo" fil-Bitħa tas-Santwarju (A/5/5/Vol IV)

9.2. Il-Kunsillier C. Bartolo aġġorna lill-Kunsill bit-tħejjijiet li saru dwar din l-attività u qal li tqassmu numru ta' *posters* fil-lukandi. Huwa qal li l-attività issa qed tissejjaħ "Kunċert Mużikali *Cantiamo ad unur* lill-Emigranti Melleħin".

9.3. Is-Sindku għarraf li fis-27 ta' Awwissu, mhux ser ikun possibbli li jkanta t-tenur Joseph Aquilina u għalhekk ser jieħu postu t-tenur Brian Cefai li huwa magħruf ukoll fil-Mellieħa. Bil-permess tal-Kappillan ser tintuża l-Bitħa tas-Santwarju, kif ukoll is-siġġijiet tal-parroċċa. Il-bibità li ser ikun wara l-kunċert ser tkun fil-bidu ta' Triq l-Inkurunazzjoni.

9.4. Il-Kunsill approva l-arranġamenti proposti.

### 10.1. Tħejjijiet għal "Iljieli Melleħin 2009" (A/5/3/5/Vol II)

10.2. Is-Sindku ressaq abbozz tal-programm li jkopri bejn l-10 u t-13 ta' Settembru 2009, li kopja tiegħu hija mehmuża ma' dawn il-minuti. Ġiet ppreżentata wkoll skeda ta' l-ispejjeż tad-dħul u infieq li huwa mbassar li jkun hemm b'rabta ma' dawn l-attivitajiet.

10.3. Kien hemm qbil li l-ftuħ tal-Festa Biedja u Sajd issir mill-Ministru George Pullicino, filwaqt li għandu jiġi mistieden il-kelliemi tal-Partit Laburista dwar dan is-settur – l-Onor. Joseph Sammut.

Comment [.8]: Oħroġ invit.

10.4. Minħabba l-programm li ser ikun għaddej fil-Bitħa tas-Santwarju li jinkludi l-kunċert ta' Francesco Cafiso, kien hemm qbil li l-ftuħ ta' attivitajiet sportivi f'Misraħ il-Parroċċa għandu jiġi mħolli għal jum ta' wara.

10.5. Dwar il-programm tat-12 ta' Settembru kien hemm qbil li l-Kunsillieri C. Bartolo u J. Azzopardi għandhom jidentifikaw postijiet li jistgħu jiġu mnaddfa bil-parteċipazzjoni ta' l-għaqdiet Melleħin. Issemmiet il-*camping / picnic site fl*-inħawi ta' l-Aħrax tar-Ramel. L-istess kunsillieri ntalbu wkoll jidentifikaw l-aħjar postijiet fejn tista' ssir il-kompetizzjoni tas-sajd.

10.6. Rigward il-programm tat-12 ta' Settembru filgħaxija, kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lill-għaqdiet kollha tal-Mellieħa sabiex jipparteċipaw fit-tindif volontarju li ser isir filgħodu, kif ukoll għall-għoti ta' demm. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġie nkarigat sabiex jikkordina ta' l-aħħar.

10.7. Il-Kunsill qabel li l-maratona sportivi b'risq il-fond ta' Puttinu Cares għandha tibda fit-12 ta' Settembru fl-4.00pm f'Misraħ il-Parroċċa.

10.8. Kien hemm qbil fuq il-kumplament tal-programm li ġie mgħoddi kollu *item, item*. Il-Kunsill talab ukoll li l-Pulizija tad-Distrett għandhom jiġu nfurmati dwar il-ġranet u l-ħinijiet meta għandha tingħalaq Triq Ġorġ Borg Olivier.

10.9. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, is-Sindku għarraf li saret talba datata 5 ta' Awwissu 2009, lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni fejn intalbet għotja apparti b'risq l-Iljieli Melleħin 2009 biex jiġi ċċelebrat l-għoti tal-Premju *European Destination of Excellence*. Huwa qal li din għandha tagħmel tajjeb għall-*filming* u spejjeż oħra.

10.10. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 11.1 Ġemellaġġ mal-lokalità ta' Agia Napa (K/1/5/4)

11.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 15.4. tas-seduta preċedenti u qal li minn verifiki li saru fit-test ta' l-Avviż Legali 144 ta' l-2009 dwar il-ġemellaġġi ma jirriżultax l-obbligu li jsiru żjajar ta' familjarizzazzjoni qabel jiġi formalizzat xi ġemellaġġ. Minkejja dan huwa żar Agia Napa fuq stedina tas-Sindku Antonis Tsokkos.

11.3. Is-Sur R. Cutajar qal li l-kontinġent minn Agia Napa, li ser jattendi għaċ-ċerimonja tal-ġemellaġġ, mistenni jkun ta' 24 persuna. Dan ser jinkludi s-Sindku Antonis Tsokkos, uffiċjali mill-istess Kunsill, flimkien ma' grupp folkloristiku mill-istess lokalità.

**12.1. Titjib fl-area tal-Moll tat-Tunnara (P/4/4/Vol III)**

12.2. Is-Sindku ppropona li jinbidlu t-tabelli li hemm qrib il-Batterija ta' Westreme, kif ukoll isir pavimentar tip rustiku qrib id-daħla għall-istess batterija.

12.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li kemm-il darba jsir ir-*resurfacing* tal-moll, ikun tajjeb li jitqiegħdu pajpijiet bil-lest kemm-il darba aktar 'il quddiem isiru iktar dwal fl-*area*, kif ukoll biex is-servizz ta' l-elettriku li hemm fil-Kamra tas-Sajjieda jiġi estiż fuq għal fuq il-moll u għal post fejn hemm il-*winch*.

12.4. Dwar il-proposta li tressqet fis-seduta preċedenti sabiex il-Moll tat-Tunnara jingħata wiċċ mill-ġdid, is-Segretarju qal li fil-vot tar-*resurfacing* kien hemm €220,000, li minnhom intefqu €194,000 u allura fadal bilanċ ta' €26,000.

12.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li f'dan l-istadju għandha tinġieb stima mingħand il-*Contract Manager*. Il-Kunsillier J. Buttigieg, flimkien mas-Segretarju ġew assenjati sabiex jagħmlu l-kuntatti meħtieġa.

**13.1. Sejħa għall-offerti Nru. 5/2009 – Disinn, Taqsim u Stampar tal-Magazin tal-Kunsill u s-Suppliment għat-Tfal u servizz ta' Illegar ta' Kotba (P/3/2/Vol IV)**

13.2. Sar aċċenn għar-rapport tat-*Tender Adjudication Board* ta' l-10 ta' Awwissu 2009, fejn saret rakkomandazzjoni sabiex il-kuntratt jingħata lill-offerent Communique Creative Ltd, minkejja li r-rati tagħhom ma kienux l-irħas. Is-Sindku spjega li l-bord wasal għal din id-deċiżjoni bil-għan li tonqos il-pressjoni fuq is-Segretarju kull darba li jkun hemm ħarġa, kif ukoll ikun hemm innovazzjoni f'dak li huwa disinn.

13.3. Il-Kunsill qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni. Il-mozzjoni relattiva tħalliet għas-seduta li jmiss peress li r-rapport tal-bord tqassam lill-kunsillieri ftit siegħat qabel is-seduta, billi l-istess Bord kien iltaqa' jumejn qabel.

**14.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 6/2009 – Tindif ta' Toroq Mhux Urbani. (T/4/6/Vol IV)**

14.2. Saret referenza għar-rapport tat-*Tender Adjudication Board* ta' l-10 ta' Awwissu 2009, fejn saret rakkomandazzjoni sabiex il-kuntratt jingħata lill-offerent Euro Clean Ltd.

14.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li r-rata annwali offruta mill-offerent Anthony Fenech hija €9,346 inqas minn ta' Euro Clean Ltd, filwaqt li mir-rapport tal-bord ma ngħtatx ġustifikazzjoni għal dan. Is-Sur Azzopardi kkummenta wkoll li fi tliet snin din id-differenza ser titla' għal €28,038.

14.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrimarka li la l-Bord ma marx għall-aktar rata baxxa mill-ħames offerti li saru, huwa jirrakkomanda l-offerta ta' Gardentech, billi issa huwa familjari mal-lokalità, kif ukoll kellu *track record* tajjeb f'dak li huwa rispons għall-ilmenti li jsiru.

14.5. Il-Kunsillier C. Bartolo kkummenta li mill-informazzjoni addizzjonali li ntalbet mill-Bord jidher li Euro Clean huma mgħobbijin b'ħafna xogħol u għalhekk ikun hemm il-possibiltà li ma tingħatax daqshekk attenzjoni għall-kwalità tas-servizz li jingħata.

14.6. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li l-Bord l-ewwel elimina l-irħas offerti għaliex bir-rati mogħtija żgur li ma jingħatax is-servizz mistenni, meta jitqies id-daqs tal-lokalità. Wara li sar dan, il-Bord imbagħad mar fuq iż-żewġ offerenti (Gardentech u Euro Clean Ltd) li huma żewġ kuntratturi li jafu tajjeb il-lokalita` u għandhom ukoll esperjenza fuq it-tindif tat-toroq rurali. Il-Bord mar fuq Euro Clean Ltd, peress li kien l-irħas.

14.7. Is-Sindku rrimarka li għalkemm l-offerent Gardentech normalment jagħti servizz sodisfaċenti, l-esperjenza wriet li ripetotatment ikollu jiġi mfakkar biex jaqta' il-ħaxix fit-toroq li jaqgħu fil-kuntratt attwali. Min-naħa l-oħra, Euro Clean Ltd għandhom tendenza li jaħdmu b'inqas superviżjoni u addottaw il-proċedura li huma stess javviċinaw lill-Kunsill biex jaraw hemmx ilmenti dwar is-servizz li jkunu qed jagħtu. Dan kien evidenti fil-każ tal-kuntratt li huma għandhom dwar it-tindif tat-toroq urbani. Huwa rrakkomanda li l-għażla għandha taqa' fuq Euro Clean Ltd, li attwalment għandhom tmintax-il kuntratt ma' diversi Kunsilli Lokali u mal-Gvern Ċentrali, kif ukoll jippossjedu makkinarju meħtieġ. Is-Sur R.

Cutajar ikkummenta wkoll li Euro Clean Ltd jġawdu reputazzjoni tajba fost il-Kunsilli Lokali li għandhom kuntratti magħhom.

14.8. Għalkemm bil-*casting vote* tas-Sindku (il-Kunsillieri P. Cutajar kien imsiefer), id-Kunsill iddeċieda favur li l-kuntratt jingħata lill-Euro Clean Ltd. Minkejja dan il-mozzjoni relattiva tħalliet għas-seduta li jmiss peress li r-rapport tal-Bord tqassam lill-kunsillieri ftit siegħat qabel is-seduta, billi l-istess Bord kien iltaqa' jumejn qabel.

### 15.1. *Parking* fi Triq Salvu Camilleri (T/3/2/Vol X)

15.2. Inġibdet l-attenzjoni li l-*parking* qed isir b'tali mod li jaqleb minn naħal għal'oħra u hekk il-vetturi jkollhom iserpu fi Triq Salvu Camilleri biex jgħaddu minn din it-triq. Huwa għalhekk ippropona li jsiru *parking bays* fuq in-naħa tal-Fortizza tas-Salib, bejn Triq iż-Żnuber u Triq San Mikiel.

15.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-proposta għandha tinġieb għall-attenzjoni tan-Network Infrastructure Directorate.

### 16.1. *Bus Bays* għall-*open top buses* (T/5/1)

16.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf saru *bus bays* għall-*coaches* użati mit-turisti. Dawn saru fi Triq l-Erwieħ u Triq il-Marfa, faċċata tar-Riserva Naturali ta' l-Għadira.

16.3. Kien hemm qbil li għandha ssir protesta dwar dan in-nuqqas ta' konsultazzjoni mill-Awtorità tat-Trasport.

### 17.1. Prodotti audio viżivi ghall-Uffiċċju tal-Kunsill (E/2/1/Vol II)

17.2. Il-Kunsillier C. Bartolo nforma lill-Kunsill li, kif kien mitlub, huwa attenda demostrazzjoni mogħtija mid-ditta Jos. Vincenti & Co. (1911) Ltd dwar apparat audio viżiv li jista' jintuża waqt preżentazzjonijiet. L-apparat jinkludi *Interactive Whiteboard* u *speakers* għal miegħu; *Interactive Pen Display* ta' 15-il pulżier; *Document Camera*; u Mejda għall-*Projector*. Huwa għadda materjal dwar l-istess prodotti.

17.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tiġi evalwata l-funzjoni ta' l-apparat in kwistjoni għall-ħtiġijiet ta' l-uffiċċju tal-Kunsill.

### 18.1. Harġa kulturali għar-raħal ta' San Lawrenz (A/5/5/Vol III)

18.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf lill-Kunsill illi għall-ħarġa msemmija li saret fis-6 ta' Awwissu 2009, attendew madwar tmenin persuna li kienu milqugħin tajjeb ħafna mis-Sindku ta' San Lawrenz is-Sur Noel Formosa.

18.3. Il-Kunsill talab li tinbagħat nota ta' ringrazzjament lis-Sur Formosa.

Comment [.9]: Ittra ta' ringrazzjament

### 19.1. *Mellieħa Gardens by Night* (A/5/3/Vol VIII)

19.2. Il-Viċi Sindku rrefera għall-edizzjoni tal-*Mellieħa Gardens By Night* li saret fi Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata nhar il-Ġimgħa 7 ta' Awwissu 2009. Huwa qal li, kontra dak li gara fl-2008, l-attendenza kienet tajba ħafna u n-nies li attendew apprezzawha ħafna.

19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 20.1. Attività "Il-Ktieb Pass 'il Bogħod Minnek" (L/4/Vol II)

20.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li fil-31 ta' Lulju huwa attenda l-attività msemmija li saret f'Bormla. L-iskop tagħha kien li jitqajjem aktar interess fil-qari ta' kotba. Il-Kelliema ewlenin kienu il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, id-Direttur Ġenerali Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, kif ukoll personalitajiet mill-qasam tal-pubblikazzjoni, librerija u tal-kultura.

20.3. Is-Sur Bartolo kompla jgħid li waqt din l-attività, is-Segretarju Parlamentari Dr C Said, għadda ċekk ta' €466, sabiex ikunu jistgħu jinxtraw kotba għal-librerija tal-Mellieħa, filwaqt li ngħatat *voucher* ta' €100 minn Midsea Book Ltd li jista' jissarraf f'kotba ta' karattru Malti. Tqassmu ukoll numru ta' pubblikazzjonijiet tad-Dipartiment tal-Informazzjoni ghal-libreriji pubbliċi fil-lokalitajiet.

## 21.1. Andament tas-Sistema dwar l-Infurzar Lokali (W/3/1/Vol II)

21.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ressaq rendikont dwar *tickets* mogħtija mill-Gwardjani Lokali fix-xhur ta` April, Mejju u Ġunju 2009. Huwa għarraf li f'dawn ix-xhur, il-Mellieħa rreġistrat telf ta' €1,198. Dan irriżulta wara li ġie rreġistrat dħul ta' €18,554, kontra spiża ta' €18,824. Is-somma ta' €928 marret fil-fond ta' riżerva.

21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.55pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 31 ta' Awwissu 2009, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**